# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018**

**Numru 1**

**Rikors numru 1267/07 AF**

**Charles u Maria Dolores konjugi Grech**

**v.**

**Cecil Herbert Jones**

Dan hu provvediment moghti fuq talba maghmula mill-konvenut waqt l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha, id-difensur tieghu, talbet:

> "..ir-rekuza tal-Imhallfin li jikkomponu lil din il-Qorti peress li l-Imhallfin li qed jippresjedu huma l-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni".

Id-difensur tal-atturi oggezzjoni ghat-talba peress:

> "…. li t-talba ghar-ritrattazzjoni hija bazata fuq allegat dokument gdid u fuq allegat zball li jirrizulta mill-atti stess u mhux fuq allegata applikazzjoni hazina tal-ligi."

In linea generali din il-Qorti tikkonsidra relevanti segwenti osservazzjonijiet legali[1]:

> "Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuża . L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika flamministrazzjoni tal-ġustizzja. …………….. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.
>
> ".... Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għarrikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb'ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet talBniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli".

Fil-meritu, din il-Qorti tosserva li l-konvenut qed jibbaza r-rikors tieghu ghar-ritrattazzjoni tad-decizjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' April 2016 fuq il-paragrafi [k] u [l] tal-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jsostni li sussegwentement ghal

[1] App.Inf. Gordin fino vs St.Patrick's Salesiani Schol 30 Settembru 2015; Ara wkoll App.S 73/14 Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali et, 25 Novembru 2016

dik is-sentenza huwa skopra "dokument deciziv" u dokument iehor li skont hu huwa wkoll deciziv izda li ghad irid jingieb b'ordni tal-Qorti. Il-konvenut jghid li din il-kawzali tinkwadra fil-paragrafu [k] fuq citat. Il-konvenut isostni wkoll, bhala raguni ohra li fuqu qed isejjes it-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni, li fil-proceduri quddiem din il-qorti u li wasslu ghas-sentenza fuq indikata, kien hemm zball li jirrizulta mill-atti tal-kawza u li dan il-fatt jinkwadra fit-termini tal-kapovers tal-paragrafu [l].

L-Artikolu 814 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi illi fil-kawza ghar-ritrattazzjoni jistghu joqoghdu l-istess Imhallfin u dan naturalment sakemm ma jkunx hemm xi raguni valida ghar-rekuza jew astensjoni taghhom. Fit-talba li biha qed jitlob ir-rikuza tal-Imhallfin komponenti din il-Qorti, il-konvenut ma jindika ebda wahda mir-ragunijiet stipulati mill-ligi fl-Artikolu 734 tal-kodici fuq indikat izda semplicement jghid li r-rikuza hija bazata fuq il-fatt li l-Qorti kif komposta kienet iddecidiet is-sentenza li taghha issa qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Izda, jidher ghal din il-Qorti li s-sub-inciz ta' dak l-artikolu li jista' jkun relevanti ghat-talba tal-konvenut huwa is-subinciz [1] relattivament ghall-paragrafu [d] li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "(1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> ……………………………….
>
> "(d) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,

> "(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
>
> "Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia….".

Illi r-raguni li ghaliha l-atturi bdew il-proceduri kontra l-konvenut hija dik li wara l-mewt ta' ommu li kienet inkwilina tal-fond indikat fl-istess rikors, binha, il-konvenut baqa' jokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi. Bis-sentenza fuq citata din il-Qorti kienet ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti, inter alia, f'dik il-parti fejn gie deciz li ma kienx minnu li wara l-mewt ta' ommu l-konvenut kien baqa' jghix fil-fond, u l-istess Qorti kienet irrilevat li dan jirrizulta mill-provi, fosthom in-nuqqas ta' konsum registrat tal-elettriku u tad-dawl fl-imsemmi fond.

Issa, permezz tar-ritrattazzjoni mitluba, il-konvenut qed jitlob lill-Qorti tikkonsidra l-provi godda, senjatament dokument markat bl-ittra "D" li *ex facie* juri li l-fond kien ilu registrat ukoll fuq isem il-konvenut mis-sena 1996, liema dokument allegatament gie mahrug mill-kumpanija Arms Ltd.

In tema legali, u b'referenza ghas-subinciz [1][l] tal-artikolu precitat, din il-Qorti tirribadixxi illi:

> "7. Il-kompitu ta' din il-Qorti ghall-finijiet tat-talba ….. ghal ritrattazzjoni ma hux li taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi li fuqhom tkun strahet fis-sentenza li taghha qed tintalab ritrattazzjoni izda biss li tivverifika jekk fis-sentenza ritrattandi kienetx saret zbaljatament b'xi

> suppozizzjoni jew eskluzjoni ta' xi fatt. Sabiex tintlaqa' t-talba ta' ritrattazzjoni, izda, l-fatt in kwistjoni ma jridx ikun wiehed li kien ikkontestat u gie deciz bis-sentenza ritrattandi. Jekk if-fatt in kwistjoni kien punt ikkontestat u gie deciz f'dik is-sentenza, u allura l-Imhallfin ikunu gja taw il-fehma taghhom dwaru, t-talba ghal ritrattazzjoni tigi michuda skont il-ligi u ghalhekk, billi l-imhallfin ma jkunux msejjha jergghu jaghtu l-fehma taghhom dwar dak il-fatt, f'dik ic-cirkostenza ma hemmx lok ghar-rikuza jew astensjoni taghhom. Mill-banda l-ohra, jekk il-fatt in kwistjoni ma kienx gie deciz bis-sentenza ritrattandi allura l-Imhallfin ikunu ghadhom ma tawx il-fehma taghhom dwaru u dan ukoll ma jaghtix lok ghar-rikuza jew astensjoni. Fil-kaz wiehed jew l-iebor, ghalhekk ma hemmx lok ghar-rikuza jew astensjoni tal-Imhallfin komponenti din il-Qorti".[2]

Ghalhekk it-talba ghar-rikuza relatata mal-paragrafu [l] mhijiex gustifikata.

B'referenza ghat-talba tal-konvenut in kwantu tikkoncerna l-paragrafu [k] tas-subinciz [1] tal-Artikolu 811, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li din il-Qorti kif komposta kienet waslet ghall-konkluzjoni dwar il-punt kontestat, bil-produzzjoni tad-dokumenti godda l-istess Imhallfin ser jiddeciedu fuq xenarju ta' fatti differenti milli kellhom quddiemhom meta waslu ghall-konkluzjoni precedenti. Issa, il-Qorti qed tigi mitluba li tiddeciedi dwar punt kontrovers fil-qafas ta' dokumenti godda li l-Imhallfin komponenti din il-Qorti ma setghux ikkonsidraw qabel, u ghad iridu jikkonsidraw fil-proceduri tar-ritrattazzjoni. Ghal kaz odjern tapplika l-konsiderazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea li b'referenza ghall-kaz **Thomann v. Switizerland** [deciz 10 Gunju 1996] osservat:

---

[2] App.S 356/15 Strand Electronics Limited v. Direttur tal-Corporate Services fil-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja et deciz 15 ta' Dicembru, 2015.

> "In the latter case, during the retrial proceedings new and comprehensive information was available to the judges, who were undertaking a fresh consideration of the whole matter and were not called upon to evaluate and determine their own alleged mistakes (p. 816, § 35)".[3]

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tar-rikuza mhijiex legalment sostenibbli lanqas mill-aspett ta' dan il-paragrafu [k].

Ghar-ragunijiet premessi t-talba mhijiex gustifikata u qed tigi michuda.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb

[3] Q.E.D.B Appl.77562/01 San Leonardo Band Club v. Malta, 29 Lulju 2004